**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
**Frar 2012**

| **IR-RABA' SENA** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN: Siegħa u kwart** |
|---|---|---|

Isem: ____________________ Klassi: __________

Marka Totali

**A. Aħna nilbsu ħwejjeġ skont it-temp.**
**Ikteb il-kelma taħt l-istampa li taqbel.**

**(4 marki)**

| | | | |
|---|---|---|---|
| sħun | kiesaħ | bix-xita | xemxi |









**B. Ikteb VERU jew FALZ dwar tibdil li jseħħ madwarna. (6 marki)**



| | VERU jew FALZ |
|---|---|
| Eż: Niċċelebraw il-festa tal-Milied fis-sajf. | Falz |
| 1. Is-sena skolastika tibda fil-ħarifa. | |
| 2. Ix-xitwa tibda fil-21 ta' Diċembru. | |
| 3. Fix-xitwa l-lejl ikun qasir. | |
| 4. Il-vaganzi tas-sajf huma itwal minn tal-Milied. | |
| 5. Niċċelebraw il-festa tal-qaddisin kollha fix-xitwa. | |
| 6. L-istaġun tax-xitwa jiġi qabel dak tal-ħarifa. | |

**Ċ. Ir-Rapport tat-Temp. (5 marki)**

**It-temp ivarja skont l-istaġuni. Hawn taħt għandek rapport tat-temp. Imla l-vojt billi tagħżel minn dan il-kliem li ġej:**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *12-il grad Celsius* | *imsaħħab b'xi ħalbiet tax-xita* | *qawwi mill-Grigal* | *2mm* | *3* |

| RAPPORT TAT-TEMP | |
|---|---|
| ❖ *Data* | 15 ta' Diċembru |
| ❖ *Temp* | |
| ❖ *Riħ* | |
| ❖ *Xita* | |
| ❖ *Temperatura* | |
| ❖ *UV Index* | |



**D. Imla l-vojt bl-isem tal-istrument. Agħżel mill-kliem t'hawn taħt: (10 marki)**

Termometru Pluvjometru Pinnur
Anemometru Boxxla

1. ______________________ juri d-direzzjoni tar-riħ.
2. ______________________ jkejjel il-qawwa tar-riħ.
3. ______________________ juri kemm niżlet xita.
4. ______________________ juri kemm hi sħuna jew kiesħa l-arja fi gradi Celsius.
5. ______________________ turina d-direzzjoni u tħares dejjem lejn it-Tramuntana.

**E. Aqra dawn is-sentenzi. (6 marki)**

**Agħmel ✓ ħdejn imġiba tajba. Agħmel ✗ ħdejn imġiba ħażina**

| | ✓ | ✗ |
|---|---|---|
| Eż: Nisimgħu lill-oħrajn jitkellmu. | ✓ | |
| 1. Nifirħu lil min jirbaħ waqt il-logħob. | | |
| 2. Naqtgħu qalbna meta niltaqgħu ma' xi diffikulta'. | | |
| 3. Naħdmu biex insewwu l-konflitti ta' bejnietna. | | |
| 4. Ngħinu lill-membri l-oħra tal-grupp tagħna. | | |
| 5. Ma nipparteċipawx waqt diskussjoni. | | |
| 6. Intellfu lil sħabna waqt il-lezzjonijiet. | | |

**F. Komunikazzjoni. Agħżel it-tajba. (4 marki)**

1. Aħna l-bnedmin ngħaddu ħafna ħin (nistaqsu, naħsbu, nikkomunikaw) bejnietna.
2. Il-komunikazzjoni hija l-mod kif (il-bnedmin, id-djar, il-pjanti) jgħaddu dak li jkunu qed iħossu u l-ideat tagħhom lil xulxin.
3. Biex ngħaddu messaġġi lil xulxin, aħna l-bnedmin nużaw it-telefon, l-ittri, (il-mejda, l-internet, is-siġra) u ħafna mezzi oħra.
4. (L-għamara, Il-pjanta, Il-gazzetta) hija mezz ta' komunikazzjoni.



**Ġ. Ikteb DRITT jew DMIR ħdejn kull waħda. Ara l-eżempju.**

**(6 marki)**

| | | **DRITT jew DMIR** |
|---|---|---|
| Eż: | Ma nitfax karti fl-art. | *DMIR* |
| 1. | Ma nagħmilx storbju waqt ħin il-mistrieħ. | |
| 2. | Nirrispetta lill-ġenituri tiegħi. | |
| 3. | Ikolli x'niekol, x'nilbes u dar fejn noqgħod. | |
| 4. | Inġib ruħi sew fil-klassi. | |
| 5. | Jarani tabib meta nkun marid ħafna. | |
| 6. | Insib min jagħtini pariri tajbin. | |

**G. Imla l-vojt.** **(2 marki)**

1. Waqt diskussjoni fi grupp għandi d-*dritt* li __________ l-opinjoni tiegħi.
2. Waqt diskussjoni fi grupp għandi d-*dmir* li ___________ lill-oħrajn.

**Għ. Min jista' jgħinni?** **(6 marki)**

| | |
|---|---|
| Eż: Qiegħed l-isptar. Inħoss l-uġiegħ jiżdied. Ngħajjat l- | ***infermier*** |
| 1. It-tabib kitibli mediċina. Nixtriha mingħand l- | |
| 2. Ħbatna bil-karozza imma ma weġġajniex. Inċemplu lill- | |
| 3. Għandi sinna mħassra. Se mmur għand | |
| 4. Għandi bżonn inqerr. Għalhekk ser immur għand | |
| 5. Qomt ma niflaħx. Se nċempel lit- | |
| 6. Qed nistenna l-kartolini li se jġibli d-dar il- | |

**H. Dun Mikiel Xerri għamel unur lil art twelidna. Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi dwaru.** **(10 marki)**

1. Dun Mikiel Xerri twieled fir-raħal ta' __________________ .
2. Hu ____________ ma' Maltin oħra biex iqumu kontra l-Franċiżi li kienu jaħqru lill-Maltin.
3. Huwa miet xkubettjat mis-suldati _______________.
4. Qabel miet għajjat, "____________________ ".
5. Wieħed li jmut għal pajjiżu nsejħulu ______________.



**Ħ. Aħna personaġġi marbutin mal-Milied. Aqta' min aħna!**

**Ara l-eżempju. (16-il marka)**

| Sentenza | Tweġiba |
|---|---|
| Eż : Insebbaħ il-kamra meta nkun armata bid-dwal u b'tiżjin ieħor. | siġra tal-Milied |
| 1. Lili jpoġġuni fil-maxtura. | |
| 2. Jien inkun mimli pasturi. | |
| 3. Lilna jkantawna fi żmien il-Milied. | |
| 4. Jien ikel tipiku tal-Milied. | |
| 5. Jien ħelu tajjeb tal-Milied. | |
| 6. Lili jibagħtuni bil-posta b'xi messaġġ t'awguri. | |
| 7. Popolari lejlet il-Milied f'nofsillejl. | |
| 8. Jarmawni wara xi tieqa u għandi ħames ponot. | |



**I: Aqra sew il-kliem li hemm fil-kaxxa, imbagħad wieġeb billi taqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba fis-sentenzi li jmiss. (8 marki)**

Lil din l-art ħelwa, l-Omm li tatna isimha,
Ħares, Mulej, kif dejjem int ħarist,
Ftakar li lilha bl-oħla dawl libbist.

Agħti kbir Alla, id-dehen lil min jaħkimha,
Rodd il-ħniena lis-Sid, saħħa lill-ħaddiem,
Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.

1. Dan huwa l-kliem:
   - tal-Innu Malti
   - t'innu ta' skola
   - tal-Innu Franċiż




2. Dan il-kliem kitbu:
   - Dun Mikiel Xerri
   - Dun Karm Psaila
   - Robert Samut

3. Il-kliem huwa miktub f'forma ta':
   - djalogu
   - poeżija
   - avviż

4. <u>'Din l-art ħelwa'</u> qed tirreferi għal:
   - art fejn jikbru ħafna siġar
   - Malta
   - pajjiż fl-Afrika

**J. Ikteb sentenza b'kull waħda minn dawn li ġejjin. (9 marki)**



1. Ir-rwol tiegħi fil-familja




2. Il-Kunsill Lokali



3. Il-ħarifa

**K. Ikteb ERBA' sentenzi fuq il-MIĠJA TAL-KONTI RUĠĠIERU F'MALTA. (8 marki)**



TMIEM IL-KARTA